MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 410/2012

**Yellow Pages (Malta) Limited**

**Vs**

**Dolphin Industrial Services Limited**

Il-Qorti;

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici li talbet lis-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmint elef, tliet mija u tnejn u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€8,382.76), bilanc dovut ghal servizzi ta' reklamar debitament ipprestati lis-socjeta' konvenuta liema somma baqghet ma' thallsitx minkejja diversi interpellanzi, fosthom bl-ittra ufficjali datata 30 ta' Lulju, 2012.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Lulju 2012, tal-ittri bonarji datati 13 ta' Gunju, 2012 u 2 ta' Lulju

2012, u tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat li fis-seduta tat-3 ta’ Gunju 2013 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Rat li fis-seduta tal-10 ta’ Gunju 2013 is-socjeta’ konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tidher, ghalkemm debitament notifikata, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmint elef, tliet mija u tnejn u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€8,382.76). L-ispejjez kollha inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 30 ta’ Lulju 2012, tal-ittri bonarji datati 13 ta’ Gunju, 2012 u 2 ta’ Lulju, 2012 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------